IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2020
COM(2020) 190 final

# ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 4
# GĦALL-BAĠIT ĠENERALI 2020

**Li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Portugall, lil Spain, lill-Italja u lill-Awstrija**

MT MT

Wara li kkunsidraw:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2019[2],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2020[3], adottat fis-17 ta' April 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 2/2020[4], adottat fis-17 ta' April 2020,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2020[5], adottat fil-15 ta' April 2020

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4 tal-baġit tal-2020.

## BIDLIET FIR-RAPPORT TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fir-rapport tan-nefqa u d-dħul fit-Taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

---

1 ĠU L 193, 30.7.2018.
2 ĠU L 57, 27.2.2020.
3 ĠU L 126, 21.4.2020.
4 ĠU L 126, 21.4.2020.
5 COM(2020) 180, 15.4.2020.

# WERREJ


1. INTRODUZZJONI ..... 3
2. FINANZJAMENT ..... 3
3. APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA FIL-BAĠIT TAL-2020 ..... 3
4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP ..... 5

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. INTRODUZZJONI

L-abbozz ta’ Baġit Emendatorju (ABE) Nru 4 għas-sena 2020 jakkumpanja l-proposta[6] li jiġi mobilizzat il-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) għal ammont ta’ EUR 278 993 814 biex tingħata assistenza lill-Portugal, Spanja, l-Italja u l-Awstrija wara diżastri naturali li seħħew f’dawn l-Istati Membri matul l-2019:

- *Il-Portugall*: ħsara li tirriżulta mill-uragan Lorenzo fl-Azores f’Ottubru 2019;
- *Spanja*: l-għargħar fir-reġjuni ta’ Valenzja, Murcia, Castilla-La Mancha u Andalucia f’Settembru 2019;
- *L-Italja u l-Awstrija*: avvenimenti esteremi tat-temp li rriżultaw f’għargħar u uqigħ tal-art li laqtu l-parti l-kbira tat-territorju Taljan (li laħqu l-qofol tagħhom f’għargħar f’Venezja) kif ukoll it-Carynthia u t-Tirol tal-Lvant fl-Awstrija fil-ħarifa tal-2019.

ABE Nru 4/2020 jipproponi li jiddaħħlu l-approprjazzjonijiet meħtieġa fil-baġit ġenerali 2020, kemm fl-impenji kif ukoll fil-pagamenti, wara li jkunu tnaqqsu l-avvanzi diġà mħallsin lill-Portugall u lill-Spanja (EUR 6 495 606).

## 2. FINANZJAMENT

Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[7] (minn issa ’il-quddiem “ir-regolament QFP”), l-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2020 kien ta’ EUR 1 150 524 045, billi hija s-somma tal-allokazzjoni tal-2020 ta’ EUR 597 546 284, flimkien mal-allokazzjoni tal-2019 ta’ EUR 552 977 761 li baqgħet ma ntefqitx u li ġiet riportata għall-2020.

L-ammont li jista’ jiġi mobilizzat f’dan l-istadju tas-sena 2020 huwa ta’ EUR 1 001 137 474. Dan jikkorrispondi għall-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE fil-bidu tal-2020 (EUR 1 150 524 045), nieqes l-ammont miżmum ta’ EUR 149 386 571 sabiex jiġi rispettat l-obbligu li jitwarrbu 25 % mill-allokazzjoni annwali tal-2020 sal-1 ta’ Ottubru 2020 kif stipulat mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar il-QFP.

| **Tabella sommarja tal-finanzjament mill-FSUE** | **Ammont EUR** |
|---|---|
| Allokazzjoni tal-2019 riportata għall-2020 | 552 977 761 |
| Allokazzjoni tal-2020 | 597 546 284<br>----------------- |
| **Total disponibbli fil-bidu tal-2020** | **1 150 524 045** |
| Bit-tnaqqis ta’ 25 % tal-allokazzjoni tal-2020 miżmum | -149 386 571<br>----------------- |
| **Ammont massimu disponibbli attwalment (allokazzjonijiet tal-2019+2020)** | **1 001 137 474** |
| Ammont totali ta’ għajnuna proposta biex tiġi mobilizzata għall-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Awstrija | - 278 993 814<br>----------------- |
| **Disponibbiltajiet li fadal sal-1 ta’ Ottubru 2020** | **722 143 660** |

## 3. APPROPRJAZZJONIJIET MITLUBA FIL-BAĠIT TAL-2020

Abbażi tal-applikazzjonijiet mill-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Awstrija, il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FSUE, ibbażat fuq l-istima tad-danni diretti totali, huwa ffissat għal EUR 278 993 814.

[6] COM(2020) 200, 30.4.2020.
[7] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

Meta jitqies l-ammont ta’ EUR 6 495 606 li kien diġà tħallas għal dawn il-każijiet tal-FSUE, il-Kummissjoni tipproponi li temenda l-baġit tal-2020 billi żżid il-linja baġitarja 13 06 01 b’EUR 272 498 208 kemm f’approprjazzjonijiet ta’ impenn kif ukoll f’approprjazzjonijiet ta’ pagament (ara t-tabella hawn taħt).

*Ammonti f'EUR*

| **Linja Baġitarja** | **Isem** | **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | **Approprjazzjonijiet ta’ pagament** |
|---|---|---|---|
| 13 06 01 | Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta’ diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija | 272 498 208 | 272 498 208 |
| **TOTAL** | | **272 498 208** | **272 498 208** |

## 4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

| Intestatura | Baġit 2020 (inkl. BE 1-2 u ABE 3/2020) | | Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 4/2020 | | Baġit 2020 (inkl. BE 1-2 u ABE 3 u 4/2020) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AI | AP | AI | AP | AI | AP |
| **1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv** | **83 930 597 837** | **72 353 828 442** | | | **83 930 597 837** | **72 353 828 442** |
| *Limitu massimu* | *83 661 000 000* | | | | *83 661 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| 1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 25 284 773 982 | 22 308 071 592 | | | 25 284 773 982 | 22 308 071 592 |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *93 773 982* | | | | *93 773 982* | |
| *Limitu massimu* | *25 191 000 000* | | | | *25 191 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| 1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 58 645 823 855 | 50 045 756 850 | | | 58 645 823 855 | 50 045 756 850 |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *175 823 855* | | | | *175 823 855* | |
| *Limitu massimu* | *58 470 000 000* | | | | *58 470 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| **2. Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali** | **59 907 021 051** | **57 904 492 439** | | | **59 907 021 051** | **57 904 492 439** |
| *Limitu massimu* | *60 421 000 000* | | | | *60 421 000 000* | |
| *Marġni* | *513 978 949* | | | | *513 978 949* | |
| Li minnu: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti | 43 410 105 687 | 43 380 031 798 | | | 43 410 105 687 | 43 380 031 798 |
| *Sottolimitu* | *43 888 000 000* | | | | *43 888 000 000* | |
| *Differenza dovuta għall-arrotondament eskluża mill-kalkolu tal-marġni* | *888 000* | | | | *888 000* | |
| *Marġni tal-FAEG* | *477 006 313* | | | | *477 006 313* | |
| **3. Sigurtà u ċittadinanza** | **7 152 374 489** | **5 278 527 141** | | | **7 152 374 489** | **5 278 527 141** |
| *Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà* | *1 094 414 188* | | | | *1 094 414 188* | |
| *Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji* | *2 392 402 163* | | | | *2 392 402 163* | |
| *Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza* | *714 558 138* | | | | *714 558 138* | |
| *Limitu massimu* | *2 951 000 000* | | | | *2 951 000 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| **4. Ewropa Globali** | **10 406 572 239** | **8 944 061 191** | | | **10 406 572 239** | **8 944 061 191** |
| *Limitu massimu* | *10 510 000 000* | | | | *10 510 000 000* | |
| *Marġni* | *103 427 761* | | | | *103 427 761* | |
| **5. Amministrazzjoni** | **10 271 193 494** | **10 274 196 704** | | | **10 271 193 494** | **10 274 196 704** |
| *Limitu massimu* | *11 254 000 000* | | | | *11 254 000 000* | |
| *Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza* | *- 966 558 138* | | | | *- 966 558 138* | |
| *Marġni* | *16 248 368* | | | | *16 248 368* | |
| Li minnu: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 7 955 303 132 | 7 958 306 342 | | | 7 955 303 132 | 7 958 306 342 |
| *Sottolimitu* | *9 071 000 000* | | | | *9 071 000 000* | |
| *Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza* | *- 966 558 138* | | | | *- 966 558 138* | |
| *Marġni* | *149 138 730* | | | | *149 138 730* | |
| **TOTAL** | **171 667 759 110** | **154 755 105 917** | | | **171 667 759 110** | **154 755 105 917** |
| ***Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà*** | ***1 094 414 188*** | ***1 017 029 444*** | | | ***1 094 414 188*** | ***1 017 029 444*** |
| ***Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impenji*** | ***2 662 000 000*** | | | | ***2 662 000 000*** | |
| ***Li minnhom taħt il-Marġini ta' Kontinġenza*** | ***714 558 138*** | | | | ***714 558 138*** | |
| ***Limitu massimu*** | ***168 797 000 000*** | ***172 420 000 000*** | | | ***168 797 000 000*** | ***172 420 000 000*** |
| ***Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza*** | ***- 966 558 138*** | | | | ***- 966 558 138*** | |
| ***Marġni*** | ***633 655 078*** | ***18 681 923 527*** | | | ***633 655 078*** | ***18 681 923 527*** |
| **Strumenti speċjali ohra** | **587 763 000** | **418 500 000** | **272 498 208** | **272 498 208** | **860 261 208** | **690 998 208** |
| **Total kumplessiv** | **172 255 522 110** | **155 173 605 917** | **272 498 208** | **272 498 208** | **172 528 020 318** | **155 446 104 125** |